MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 189/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

Robert Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Robert Xuereb ta' karta ta' identita' numru 831100(L) akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer matlu ix-xahar ta' Jannar, 2001, u l' erba xhur ta' qabel, gol-Gzira, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

b) ukoll talli biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex ai termini tas-sub artikolu 2 tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-kontro-ordni tal-imsemmi Avukat Generali sabiex l-imputat jigi processat quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’pussess u traffikar tal-pjanta cannabis jew ir-raza taghha.

Illi l-fatti kif stabbiliti mill-provi huma li fl-20 ta’ Jannar 2001 l-pulizija fuq ronda normali li kienu qeghdin jaghmlu f’Manoel Island osservaw vettura b’tlett guvintur fiha u marru jinvestigaw. Il-vettura irrisultat li kienet ta’ cetu Johan Vassallo. Iz-zewg guvintur l-ohra fil-vettura kienu l-imputat u certu Reuben D’Amato.

Issa l-odjerni proceduri kontra l-imputat ittiehdu fuq li kienu stqarrew Johan Vassallo u Reuben D’Amato lill-Pulizija hekk kif kienu ttiehdu taht arrest is-sezzjoni ta’ kontra d-droga, li dak iz-zmien kieet il-Marsa, u kienu rispettivament irrilaxxjaw stqarrija, liema zewg stqarrijiet jinsabu esebiti in atti.

Illi ghalhekk fl-istqarrijiet rispettivi taghhom, li mkien ma jirrisulta li gew ikkonfermati bil-gurament, iz-zewg guvintur

qalu dak li qalu, huma, quddiem din il-Qorti u viva voce, irittrattaw dak li kienu qalu fil-konfront tal-imputat u dana sostnewh anke wara li l-Qorti ghajtitilhom ghal konfront bejniethom.

Illi fuq l-provi, sakemm jirrigwarda lill-imputa, dak li jirrisulta hu li kien fil-vettura u li f’xi hin meta l-pulizija kienu ordnawlhom sabiex johrogu mill-vettura hu telaq jigri u stahbha.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-kaz kontra l-imputat, kif svolga, hu mibni fuq kongetturi u mhux fuq provi li jistghu jwasslu ghal konvicju tieghu.

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------